**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 5 t' April, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Silvio Magro)**

**-vs-**

**Saviour Cutajar**

Kumpilazzjoni Nru. 953/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Saviour Cutajar, talli:

B'diversi atti maghmulin anke jekk fi zmienijiet differenti-

1. Fil-jum matul il-23 ta' Ottubru, 2010 u fil-granet u xhur ta' qabel fil-limiti tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ikkometta serq ta' "aviation fuel", liema serq li sar ghad-detriment ta' l-istess Ajruport Internazzjonali ta' Malta, huwa ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euwo 116.57 imma mhux aktar minn Euro 2329.37, bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirksotanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. Fl-istess data, hin, lok u cirksotanzi volontarjament ghamel vjolazzjoni kontra propjeta` ta' haddiehor ghad-detriment ta' l-istess Ajruport Internazzjonali ta' Malta
4. Ghamel uzu minn post mhux illecenzjat bhala facilita` sekondarja tal-hzin tal-petroleum.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bi (i) serq; (ii) ricettazzjoni; (iii) vjolazzjoni kontra l-propjeta`u (iv) li uza post mhux licenzjat ghal-hzin tal-petroleum.

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:
Fil-lejl tat-23 t'Ottubru, 2010, minn gewwa kamra li kienet tinsab fil-Ground Equipment Maintenance Section tal-Ajruport f'Hal-Luqa vicin Park 2, kienet saret sejba ta' fuel li kien qed jinzamm f' jerry cans. Illi din il-kamra kienet tintuza mill-imputat, Saviour Cutajar, li kien jahdem fid-dipartiment li kien risponsabbli mill-manutenzjoni tal-ajruplani. Fil-kors ta' tfittxijiet li saru fuq vetturi registrati f'ismu kienu ittiehdu kampjuni tal-fuel uzat mill-vetturi registrati f'ismu. L-espert Profs. Alfred Vella li kien ghamel ezamijiet komparattivi bejn il-fuel misjub fil-post u dak mehud mill- vetturi tal-imputat u kkonkluda li dak misjub fl-ajrupost kien tat-tip Jet A1 u li bhala valur kien ta 421 Ewro. L-ezamijiet komparattivi wrew li il-fuel misjub fil-vettura FORD ESCORT bin-numru ta' registrazzjoni KAD-767 kellu kemm kulur kif ukoll **kompozizzjoni identika** ghal dik tal-fuel li kien instab fil-jerry can u bi probabilita` kbira l-istess materjal bhal dak misjub fil-kamra fl-ajruport. Il-fuel misjub fil-vetturi SEAT bin-numru ta' registrazzjoni ANG-791 u KIA Sportage bin-numru ta' registrazzjoni SALVCON kien fihom kwantita` ta' diesel fuel minbarra kerosene izda l-**komposizzjoni tal-kerosene jidher li kienet simili** ghal dik tal-fuel misjub fl-ajruport. Ghalhekk l-espert ma eskludix li l-fuel misjub fil-vetturi tal-imputat kien tahlita ta' fuel identiku ghal dak misjub fl-ajruport.[1] Illi l-espert forensiku jikkonkludi li ghalkemm il-kerosene mhux fuel li normalment jintuza f'vetturi b'magna diesel, madanakollu vetturi b'din it-tip ta' magna jahdmu wkoll bil-kerosene. L-espert Joseph Zammit fil-fatt jikkonstata li l-KIA Sportage, is-SEAT IBIZA u l- FORD ESCORT kellhom magna diesel, filwaqt li KIA MENTOR bin-numru ta' registrazzjoni CON-133 kellha magna petrol.

[1] Fol.38

Fl-istqarrija[2] tieghu l-imputat jammetti li kien hu li kien jimla l-*jerry cans* mill-fuel li jkun intuza mill-ajruplani u li kien ikun mormi kull filghodu. Skond l-imputat dan kien ikun mar-rubbish. Issostni li dan il-fuel kien jittiehed minn bosta bil-benedizzjoni tal-Airmalta. Dan il-fatt gie sussegwentement kkonfermat kemm minn Alfons Cauchi kif ukoll minn Silvio Falzon.

Illi mix-xhieda ta' Alfons Cauchi,[3] li fiz-zmien meta xehed kien jokkupa l-kariga ta' Head of Security fl-Airmalta, jirrizulta li l-imputat, li kien jahdem bhala tradesman fl-Engineering Department u sahansitra deskritt bhala *"jack of all trades",*[4] kien ikollu access ghal dak il-fuel li meta jitbattal l-ajruplan l-ahhar naqra tal-fuel kien ikollu condensation u ghalhekk jithallat bl-ilma biex b'hekk ma jkunx jista' jintuza u jigi mormi.[5] Jirrizulta minghajr dubbju li l-Airmalta kienet taf li l-imputat kien izomm parti minn dan il-fuel sabiex issir uzu minnu: *"Avukat: Issa s-Sur Cutajar inti taf kienx jiehu minn dan il-fuel ghall-uzu tax-xoghol fuq il-post tax-xoghol tieghu? Xhud: Dan min irid jahsel pinzell u min irid inaddaf magna, kienu jmorru ghandu u jtihom daqxejn."* L-istess xhud jikkonferma li l-imputat kien l-unika persuna li kellu uzu minn kamra li fiha kien jintefa imbarazz.[6] Illi meta jerga jixhed fl-20 ta' Jannar, 2016[7] ix-xhud jikkonferma li l-Airmalta kienet konsapevoli li l-imputat kien qed jaghmel uzu minn dan il-fuel, *"pitrolju li huwa scrap"* ghax-xoghol tieghu fil-maintenance. Iktar importanti minn hekk pero` ix-xhud Cauchi jikkonferma ghall-iktar minn darba li kull min ried jiehu minn dan il-fuel seta' jmur u jiehu: *"Xhud: Ma kienx hemm procedura. Tmur taqbad u tiehu. Qorti: Kull minn irid jaqbad u jiehu. Xhud Iva."*[8] Fuq domanda diretta minn din il-Qorti dwar jekk jistax persuna jaqbad u jiehu minn dan il-fuel hu jirrispondi: *"Jistghu jiehdu kemm iridu".* Ix-xhud jinsisiti li dan il-fuel kien ghar-rimi u meta persuna tiehu minnu effetivament ikun qed issir pjacir lil Airmalta ghax il-kumpanija kienet thallas sabiex dan jitnehha minn fuq il-post: *"Jaghmlilna grandissmu pjacir…Dan biex nehilsu minnu konna nhallsu."*[9]

Fil-fatt Silvio Falzon, li fiz-zmien meta sehh ir-reat kien jokkupa il-kariga ta' Chief Engineer, xhud in difeza, jikkonferma li l-imputat kien jaqa taht ir-

[2] Fol.90 et seq.
[3] Fol.120
[4] Fol121
[5] Fol.122
[6] Ibid.
[7] Fol.148 et seq.
[8] Fol.151
[9] Fol.149

responsabbilita` tieghu[10] u juri li kien jaf li l-imputat kien izomm jerry cans bil-fuel go kamra tieghu*: "Iva kont naf li nzommu kwantitajiet."*[11] Dan il-fuel jinghata lil minn jitlob li jiehu minnu. Meta mistoqsi minn din l-Qorti jekk kienx ikun possibli ghall-Cutajar biex jiehu fuel ghall-uzu personali, Falzon jghid *"Ifhimni ahna ma konniex ser narawha bi kbira li naghtu minnu lil xi hadd….".* Jikkonferma li kien standard practice li min kellu bzonn kien jiehu minnu[12]. Izda dan ix-xhud jorbot l-uzu ta' dan il-fuel mal-laghan tax-xoghol: *"……….u konna nzommu minnu biex nuzawh ghall-affarijiet interni taghna wkoll."*[13]

Fi kliem il-Head of Security ta' dak iz-zmien dawn il-proceduri kienu kollha sforz ta' azzjoni prematura ta' persuni li ma kienux konsapevoli mill-procedura mhaddma rigward dan il-fuel li kien ikun kontaminat u lest biex jintrema. Hawnhekk il-Qorti tosserva li tenut kont ta' dak li xehedu Cauchi u Falzon, hekk kif l-Airmalta saret taf b'din l-investigazzjoni, din kellha obbligu li tinforma lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex dan il-kaz, li jirrisali ghall-2010 bl-akkuzi jinhargu fl-2013, jigi rikonsidrat ai termini tal-Ligi. Sfortunatament izda lanqas l-Magistrat Inkwirenti ma jirrizulta li kienet inghatat l-informazzjoni li sussegwentement inghatat quddiem din il-Qorti!

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ma resqet ebda prova li parti mill-fuel misjub mahzun fil-kamra uzata mill-imputat, u li effetivament instab f'xejn inqas minn tlett vetturi tieghu, kien ittiehed minghajr il-permess tad-dirigenti tal-Airmalta jew ad insaputa tas-superjuri tal-imputat. Kif tajjeb irrimarka l-abbli difensur anke c-citazzjoni kienet skorretta u dan ghaliex minkejja li fl-inkjesta magisterjali johrog cjar li l-fuel kien inxtara mill-Airmalta[14], fl-akkuza kif redatta hemm indikat li l-allegat detriment sar fil-konfront tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Madankollu hu pacifiku li "ma hemmx ghalfejn jirrizulta l-kliem preciz li jkun hemm fic-citazzjoni, ghax kif dejjem gie ritenut dan hu biss "*avviso a comparire*" u ma hemmx ghalfejn li jkun jirrifletti bl-ezatt il-fatti sakemm ikun jidher car liema tkun l-imputazzjoni li qed jigi akkuzat biha limputat u f' dan il-kaz ma jistax ikun hemm dubju dwaru dan. Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg**" [4.11.1994] :-

*"Ic-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

---

[10] Fol.158 et seq

[11] Fol.160

[12] Fol.161

[13] Fol.159

[14] Fol.132: *"Igifieri l-owner tal-fuel huwa…Airmalta plc"; "Il-fuel ta' fuq l-ajruplani dejjem tal-Airmalta"*- Fol.133; Fol.134*:"…allura dan il-fuel kien mixtri mill-Airmalta..Iva mill-Airmalta plc direttament mill-Enemalta;* Fol.169,

*"Id-dettalji imsemmija fl-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali dwar il-fatti, ghandhom jigu indikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, komprizi is-sentenza li jsegwuha, izda ghall-fini ta' praticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe' biex l-imputat, x'hin jidher quddiem il-Qorti, ikun jaf fuq hiex ikun gie mharrek, u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoini dedotta.""*[15]

Illi daqstant iehor il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi kien hemm htiega ghal xi permess partikolari sabiex jintuza l-fuel jew sahansitra biex jinhareg mill-ajruport. Ghall-kuntrarju mill-provi prodotti jidher li kien hemm intendiment tacitu li min kellu access ghal dan il-fuel seta jaghmel uzu minnu liberament u ghalhekk f'dawn ic cirkostanzi l-imputat qatt ma seta jigi akkuzat li kellu l-animu li jikkometti xi reat. Ma ngiebet ebda prova li twassal sabiex ikun sejbien ta' htija fuq serq jew alternattivament fuq ricettazzjoni. Id-*dolo* tal-imputat ma gie ppruvat lanqas remotament. Ghaldaqstant din il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Il-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tissostanzja it-tielet imputazzjoni u turi kif kienet qed issir vjolazzjoni kontra propjeta' tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Apparti li l-atti processwali juru li din il-kamra kienet il-propjeta` tal-Airmalta[16] u mhux tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ix-xhieda prodotti juru li kienu jafu bl-uzu li l-imputat kien qed jaghmel tal-kamra li fiha kien qed jinzamm il-fuel.[17] Fi kwalnkwe mod in vista tal-preskrizzjoni trimestrali din l-akkuza tirrizulta estinta.

Ir-raba imputazzjoni hi msejjsa fuq allegat vjolazzjoni ta' ***Ir-Regolamenti tal-2010 dwar il-Petroleum għas-Suq tal-Karburanti bl-Imnut fuq l-Art*** u senjatament tar-regolament numru 3:

*"3. L-operazzjonijiet u l-attivitajiet li ġejjin għandhom ikunu jeħtieġu awtorizzazzjoni: (a) l-operazzjoni ta' stazzjon minn fejn jimtela l-petroleum; jew (b) l-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-petroleum; jew (ċ) it-twettiq tal-attività ta' distributur tal-karburanti."*

---

[15] Pol vs. Carmelo Galea; App. Krim [04.11.2004]

[16] Fol.120*: "Issa fejn instab: Fi propjeta` tal-Airmalta f'post jghidulu l-GEMS li huwa garage tal-Airmalta f'mahzen"*. Dan hu rifless fir-rapport inizjali tal-Ispettur Edel Mary Camilleri a fol.6 tal-proces verbal esebit in atti.

[17] Fol.160

Mix-xhieda ta' Falzon jirrizulta b'mod ampju li l-hazna fil-kamra in kwstjoni kienet qed issir bil-konsapevolezza u ghaldaqstant bil-permess tieghu. Ghalhekk ma kienx l-imputat li kellhu l-obbligu jggib l-awtorizazzjoni necessarja ai termini tal-imsemmija regolamenti izda ghal Airmalta plc. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat anke mir-raba imputazzjoni.

Kwindi fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**